**8 ta' April, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Mario Gauci ne.

*versus*

Joseph Tabone et ne.

**"Liquid Petroleum Gas" — Interpretazzjoni tal-Kuntratt bejn il-Gas Board u d-Distributuri — Penali — Każ Fortuwitu.**

*Jekk waħda mill-partijiet kontraenti timponi kondizzjonijiet godda lill-parti l-oħra b'mod li tikser il-kuntratt, il-konsegwenza loġika tkun illi l-parti l-oħra tkun fid-dritt li titlob ix-xoljiment tal-kuntratt u l-ħlas tad-danni li tkun sofriet. Imma jekk il-parti l-oħra, b'dan kollu, tagħżel li tkompli teżegwixxi l-kuntratt, hija għandha tagħmel ix-xogħol li ndaħlet għalieh taħt il-kondizzjonijiet tal-kun-*

*tratt; u jekk mbagħad hija tikser il-kuntratt, u l-parti avversarja titlob il-kundanna tagħha għall-ħlas tal-penali prevista fil-kuntratt, il-parti l-oħra ma tistgħax tallega a diskariku l-impożizzjoni ta' dawk il-kondizzjonijiet ġodda magħmula mill-parti li issa qegħdha titlob il-penali.*

*Il-kontraent li jikser il-kuntratt għal raġuni addebitabbli lilu, u mhux lill-parti l-oħra, ma jistgħax jinvoka favur tiegħu nnifsu l-każ fortuwitu.*

*F'din il-kawża ġie nterpretat il-kuntratt li sar bejn il-Gas Board u d-Distributuri taċ-ċilindri tal-gas likwidu lill-konsumaturi, għal dak li jirrigwarda ż-żmien u l-mod kif id-distributuri għandhom iservu l-bżonnijiet tal-konsumaturi.*

Il-Qorti:— Rat id-deċiżjoni tagħha preliminari tal-4 ta' Frar 1961, riportata in kopja fol. 56, li fiha hemm is-solitu rijassunt tal-proċeduri;

Trattat ulterjorment l-appell fil-meritu;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li għaliha waslet il-Qorti tal-Ewwel Istanza u mar-raġunijiet kontenuti fis-sentenza appellata; u żżid dawn il-konsiderazzjonijiet;

Kwantu għall-ewwel eċċezzjoni fis-sens li t-terminu favur l-appellanti nomine kien għadu għaddej meta l-attur nomine għamel il-konsenja lil Albert Muscat taċ-ċilindru ta' 15 il-kilogramm, hu ċar mit-termini tal-kuntratt, eżibit in kopja fol. 2 et seq., li l-Gas Board kien preokkupat li l-parruċċani jinqdew malajr kemm jista' jkun; u dan evidentement sabiex l-impriża ġdida tirnexxi b'sodisfazzjon tal-publiku. Dan il-konċett hu potenzjat f'diversi klawsoli tal-kuntratt. Hekk, fil-klawsola numru (4) tissemma "the efficient and prompt distribution of cylinders to consumers"; hekk ukoll, fil-klawsola (5) jingħad "to meet the demand of consumers without delay";

L-appellanti jsostnu li l-ġurnata tal-Ħadd li nterveniet

wara l-ġurnata tas-Sibt li fiha sar l-ordni ta' Muscat ma għandiex tgħodd. Hu ċert li l-appellanti nomine ma ħadux ħsieb li fir-redazzjoni ta' dik il-klawsola jingħad "working-day", jew jintuża xi kliem ieħor, sabiex tintlaħaq bla ebda dubju l-interpretazzjoni li huma issa jridu jagħtu; u t-termini ta' dik il-klawsola kienu tali li l-appellanti ma setgħux ma jaħsbux fid-distinzjoni bejn ġranet tax-xogħol u ġranet ta' festa; għax fiha jingħad li l-konsumatur kellu jkun servut "as early as possible, and under no circumstances later than twelve hours from the time the consumer passes on his order to the distributor . . . . . ." L-ittra li tagħha ġiet eżibita "photostat copy" fol. 44, mibgħuta lid-distributur l-ieħor Bezzina "tramite" l-konsulent tiegħu, ma tistgħax tiġi, "stricto jure", invokata mill-appellanti; waħda, għaliex kienet konċessjoni merament grazzjuża; u t-tieni ma kienetx magħmula favur tagħhom;

Jingħad ukoll li l-appellanti nomine, anki kieku kellu jiġi abbwonat favur tagħhom iż-żmien li huma jippretendu, ċjoè sal-għaxra ta' filgħodu tat-Tnejn 28 ta' Settembru, jibqa' dejjem li żgur li sat-Tnejn kollu huma kienu għadhom ma kkonsenjaw ebda ċilindru ta' daqs kbir lil Muscat; u dan mhux għax kienu jafu bil-konsenja magħmula mill-attur nomine: infatti, "juxta probata", ma jirriżultax li l-appellanti kienu b'xi mod jafu, qabel l-10 a.m. tat-Tnejn, li Muscat kien ġie fornit biċ-ċilindru li ried (l-ittra fol. 18 inkitbet fit-28 ta' Settembru, u l-appellanti ma qalux li rċevewha qabel l-10 a.m.); għalhekk, il-fatt li huma ma kkonsenjaw ebda ċilindru ta' daqs kbir lil Muscat ma setgħax kien dovut għax huma ġew jafu, fiż-żmien rilevanti, vwoldiri qabel l-10 a.m. tat-Tnejn 28 ta' Settembru, li Muscat kien ġie fornit mill-attur nomine;

Għalhekk, din l-eċċezzjoni ma ssibx bażi fil-fatti tal-każ, u għalhekk l-appellanti ma jistgħux jippretendu li ma kienx skada t-terminu, ġa ladarba huma ma għamlu ebda eżekuzzjoni tal-obligazzjoni fiż-żmien anki kif minnhom pretiż, bla ma ppruvaw bl-ebda mod li ma għamlux din l-eżekuzzjoni għax prevenuti bil-fatti tal-attur nomine;

Kwantu għaż-żewġ eċċezzjonijiet l-oħra tal-appellanti, li ċjoè si trattava ta' każ fortuwitu, u li l-attur nomine

wara l-kuntratt biddel unilateralment ir-relazzjonijiet kontrattwali, din il-Qorti tirrileva li l-vera miżura tal-kwistjoni tista' aġevolment tiġi deżunta mill-ittra tal-appellanti stess fol. 16, fejn jgħidu hekk:— "We refer to your letter of the 28th September last . . . . . . and we are extremely surprised to read its contents. We have to state, in reply, that the case in question was a sporadic omission, due to the fact that on that particular occasion we had run out of stock of 15 kilos cylinders. You will remember that, in virtue of your latest instructions, we must limit our withdrawals of cylinders in relation to the empties delivered, and this precludes us from holding the stocks we would desire . . . . . " Din *l-ittra turi illi l-istess appellanti* kienu qegħdin jadditaw bħala kawża tal-inċident il-fatt li kienu "run out of stock" għar-rigward tal-15 kilos "cylinders". Issa, hu ċert li ta' dan il-fatt huma ma jistgħux jinkolpaw l-attur nomine, għal diversi raġunijiet;

Mill-kuntratt fuq imsemmi jidher ċar li l-Bord ried li *l-parruċċani jinqdew malajr biċ-ċilindri tad-daqs li jkunu* jridu. L-appellanti aċċettaw dawk il-kondizzjonijiet; u kien għalhekk dmir imprexindibbli tagħhom, bħala kontraenti b'dawk il-kondizzjonijiet, li jiġġestixxu d-distribuzzjoni b'mod li jkunu jistgħu jottemperaw ruħhom mal-klawsola (15) tal-kuntratt. Ma kienx dover tal-Gas Board, imma *dover tagħhom*, li huma jagħmlu mod li jkollhom "in stock" kwantitajiet ta' kull daqs biżżejjed biex jinkontraw id-domandi eventwali. Fattur importanti f'dan ir-regolament kien, bla dubju, ir-ritorn sollecitu tal-"empties"; u kien għalhekk li fil-klawsola (9) ġiet stipulata espressament ir-responsabbiltà tad-distributuri, ċjoè tal-appellanti, li huma jirritornaw iċ-ċilindri vojta "without delay";

Ma jistgħux l-appellanti jgħidu li huma ġew aggravati bid-direttiva tal-ittra fol. 28, fis-sens li "the issue of loaded cylinders will be regulated on a pari passu basis with the number of empties returned"; u ma jistgħux jilmentaw minn daqshekk, għaliex apparti li din kienet direttiva nċidentali ta' *regolament* amministrattiv virtwalment li tidħol fil-kwadru tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt, l-appellanti, bil-mod kif esprimew ruħhom għar-rigward ta' din id-direttiva fl-ittra tagħhom fol. 16, fuq riferita, fejn irriferew għaliha

bħala "your latest instructions", urew li kienu aċċettawha, u mhux li kienu qegħdin jikkontestawha; u anki għaliex huma ma ppruvawx bl-ebda mod, u lanqas ippretendew li jippruvaw, li xi darba huma għamlu rikjesta lill-Board għall-fornitura ta' ċilindri kbar u dan ma ssodisfax ir-rikjesta tagħhom; f'liema każ, kontemplat fit-tieni paragrafu tal-klawsola (16) tal-kuntratt, huma kienu jistgħu jiżvinkolaw ruħhom mill-applikazzjoni tal-klawsola (15) għar-rigward ta' dik id-"delivery" partikulari. Jekk l-appellanti, (a) jew għax ittraskuraw il-kollezzjoni u r-ritorn sollеċitu tal-"empties", kuntrarjament għall-klawsola (9), u għalhekk ma setgħux jottjenu "in cambio" u "a tempo" numru suffiċjenti ta' ċilindri kbar, (b) jew għax ma kkalkulawx tajjeb id-domandi eventwali, — non ostante li ma jirriżulta bl-ebda mod li f'Settembru kien hemm xi domanda straordinarja għal ċilindri kbar (anzi kien hemm domanda iżgħar), u ma setgħux jagħmlu d-"delivery" mitluba, ir-responsabbilità hi evidentement tagħhom;

Dawk iż-żewġ eċċezzjonijiet, għalhekk, huma wkoll infondati;

Għal dawn il-motivi, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, li huma adottati, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti nomine.